22002D0036

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 36/2002

tad-19 ta' April 2002

li temenda l-Anness VI (Sigurtà soċjali) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 117/2001 tat-28 ta' Settembru 2001 ([1]).

(2) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1386/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru No 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurta soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità u Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru No 1408/71 ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) B'segwiment tal-konklużjoni tal-ftehim bejn Liechtenstein u l-Olanda, in-Norveġja u l-Ġermanja kif ukoll bejn in-Norveġja u l-Lussemburgu, tlett adattazzjonijiet tar-Regolament (KEE) 574/72 għandhom ikunu aġġortanti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness VI tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Dan l-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71):

"– **32001 R 1386**: Ir-Regolament (KE) Nru 1386/201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001(ĠU L 187, ta' l-10.7.2001, p. 1)."

2. Dan l-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72):

"– **32001 R 1386**: Ir-Regolament (KE) Nru 1386/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 (ĠU L 187, ta' l-10.7.2001, p. 1)."

([1]) ĠU L 322, tas-6.12.2001, p. 29.
([2]) ĠU L 187, ta' l-10.7.2001, p. 1.

3. L-Adattazzjoni (g) tal-punt 2 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72) għandu jkun emendat kif ġej:

   A. It-test, imma mhux l-intestatura, taħt il-punt 132 (LIECHTENSTEIN-OLANDA) għandu jkun mibul b'dan li ġej:

   "l-Artikoli 2 sa 6 tal-Ftehim tas-27 ta' Novembru 2000 dwar it-twettieq tal-ispejjeż fil-qasam tas-sigurtà soċjali."

   B. It-test, imma mhux l-intestatura, taħt il-punt 141 (NORVEĠJA-ĠERMANJA) għandu jkun emendat kif ġej:

   "l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tat-28 ta' Mejju 1999 li jwarrab ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-benefiċji b'eghlejjel naturali dwar il-mard, il-maternità, l-inċidenti fuq ix-xogħol u l-mard okkupazzjonali u l-ispejjeż involuti għal verifiki amministrattivi u l-eżaminazzjonijiet mediċi."

   C. It-test, imma mhux l-intestatura, taħt il-punt 147 (NORVEĠJA-LUSSEMBURGU) għandu jkun emendat kif ġej:

   "l-Artikoli 2 sa 4 tal-Ftehim tad-19 ta' Marzu 1998 dwar ir-rifużjoni tal-ispejjeż fil-qasam tas-sigurtà soċjali."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) 1386/2001 fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' April 2002, basta li n-notifiki kollha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' April 2002.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
P. WESTERLUND

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.